DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1843

tad-9 ta' Ottubru 2017

li taħtar membru u tliet membri supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Finlandja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Finlandiż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Ilpo HAALISTO, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Veikko KUMPUMÄKI, tas-Sinjura Hannele LUUKKAINEN u tas-Sur Antero SAKSALA saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Ilpo HELTIMOINEN, *Lappeenrannan kaupunginvaltuuston jäsen*,

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sinjura Terhi KOULUMIES, *Helsingin kaupunginvaltuuston jäsen*,

— Is-Sur Jari ANDERSSON, *Sastamalan kaupunginvaltuuston jäsen*,

— Is-Sur Mikko AALTONEN, *Tampereen kaupunginvaltuuston jäsen*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

S. KIISLER

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).